**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRUWIEĦED U ERBGĦIN 11ta' LULJU, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri kien preżenti għas-seduta.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **41.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 41.1.1 | | Il-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard, informa li ma setgħax jattendi. Dok 1 mehmuż. |
| | | |
| **41.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 41.2.1 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia tkellmet fuq 40.11.4 qalet li l-persuna li qed toġġezzjona li ma tridx is-sleeping policeman, ma tgħix hemm imma tikri l-propjeta li hemm hemm. Hi qrat messaġġ li rċeviet mingħand persuna li riedet is-sleeping policeman.<br>Waqt diskussjoni kien hemm min qal li ġaladarba nafu li hemm persuna fil-viċin li oġġezzjonat għas-sleeping policeman, din m'għandix issir.<br>Kien hemm qbil li jekk Transport Malta tagħti permess, jitmexxa kollox bil-permess. |
| | | |
| 41.2.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fuq l-item 40.5.2, li Triq il-Qrendi ssir one |

| | | |
|---|---|---|
| | | way – kien hemm qbil li tkun riveduta l-pożizzjoni li ħa l-Kunsill u t-triq tibqa bid-direzzjonijiet li hi preżenti. Kien hemm qbil li anke Triq l-Imaqabba tibqa kif inhi ukoll. |
| | | |
| | | |
| 41.2.3 | | Ġew approvati l-minuti tal-erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***41.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA/ KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| 41.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 49 tal-Kumitat Amministrattivta' Bubaqra. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***41.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 41.4.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-reġjun nofsinhar numri 3 u 4 li nżammu fil-25 ta' Jannar u Frar rispettivament. Ġew moqrija l-minuti numru 83 tal-Gal Xlokk li saret fl-14 ta' Ġunju, 2018. |
| | | |
| | | |
| ***41.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| | | |
| 41.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Sidien ta' irziezet u residenti fi Triq il-Qrendi li ffirmaw il-petizzjoni li riedu sleeping policeman viċin l-għeliqi tagħhom u li tressqet fis-seduta numru 38, jħossuhom urtati bid-deċiżjoni magħġla tal-Kunsill, billi irriffjutaw it-talba tagħhom.<br>• Fi Triq San Mikiel hemm 9 bozoz x'jinbidlu għal dawk ornamentali. Kien hemm qbil li jiġu ordnati mingħand il-kuntrattur li għandu t-tender mal-Kunsill għall-prezz ta' 435Euro –il waħda. Kien hemm qbil li jinġibu aktar stimi biex forsi jinstabu prezzijiet aħjar.<br>• Resident minn Triq San Mikiel qed joġġezzjona li ssir sleeping policeman fi Triq San Mikiel quddiem ir-residenza tieghu. Hu qal li lest li jiltaqa' mal-Kunsill u jiddiskuti dan. Dan ir-resident qed jitlob ukoll li Triq San Mikiel issir 'No entry except for residents or to render a service'. Kien hemm qbil li ssir t-tabella għax kienet hemm qabel ma saret il-binja l-ġdida. Kien hemm qbil li issir ukoll tabella li tindika Bubaqra.<br>• Hemm talba biex jitneħħew il-bankijiet u l-kaxxa tal-ittri li hemm fi Triq il-Qrendi u li minħabba fihom hemm nuqqas ta' aċċess għall-bankina. – Il-Kunsillier Joseph D'Amato qabel li jitneħħew ħalli tkun aċċessibbli għall-kulħadd. Kien hemm qbil li membri tal-Kunsill imorru fuq il-post u jaraw il-każ. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Talba biex issir zebra crossing fejn l-iStep In fi Triq Inglott. Kien hemm qbil li issir fi Triq Bronja bejn il-ħanut tal-annimali u d-Dulli, wara approvazzjoni ta' Transport Malta. Il-Kunsillier Joseph D'Amato u David Abdilla ftehmu li jmorru fuq il-post qabel issir l-applikazzjoni.<br>• talba minn Dun Gwann Farrugia għall-kontribuzzjoni ta' 300Euro biex jixxandar features fuq iż-Żurrieq waqt il-programm taż-żewġ festi tar-raħal fuq F Living u Xejk TV. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Il-Kunsill reġgħet ġietu t-talba biex isir il-kors ta' Għaqal id-dar. Dan ser isir minn Ottubru sa Diċembru 2018. Jkun hemm bżonn ta' post adekwat biex jilqa' lir-residenti għal dan il-kors. Ma kienx hemm qbil minħabba l-ispejjeż involuti u ġie ssuġġerit li huma jkellmu direttament mal-iskola.<br>• Hemm bżonn li tinżabar siġra privata li tinsab fi propjeta mhix abitabbli, fi Vjal il-Blue Grotto k/m Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil li tinżabar mill-Kunsill minħabba li l-post mhux abitabbli. |
| | | |
| 41.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba biex wieħed mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill li għandu paga minima u li juża l-vettura tiegħu għall-bżonnijiet tal-Kunsill, fosthom biex iġorr il-grass cutter, tankijiet tal-ilma, tabelli, bollards etc., jkun imħallas kumpens għall-petrol, għal kull ġurnata xogħol. Hi qalet li dan il-ħaddiem jista jirrifjuta li juża l-vettura tiegħu għall-bżonnijiet tal-Kunsill u mingħajru l-Kunsill jista jieqaf milli jinqata' l-ħaxix fin-non urban.<br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li jingħata allowance ta' 20Euro fil-ġimgħa minħabba li qed juża l-vettura tiegħu għall-użu tal-Kunsill u tal-għajnuna li jgħati mingħajr dgergir.. |
| | | |
| 41.5.3 | | Is-SegretarjuEżekuttivinfurmat li fir-rigward tat-tender<br>1. Works on Pavements, retaining Walls and Culverts – Ġiet aġġudikata t-tender u ingħataw 10 t'ijiem żmien biex isir xi appell. Jekk ma jkunx hemm appelli l-kuntrattur jkun jista jibda bix-xogħol mit-13 ta' Lulju, 2018.<br><br>Kien hemm qbil li għal dawn it-tenders l-aġġudikaturi jkunu Tiffany Ann Farrugia, Joseph D'Amato u David Abdilla.<br>Iċ-Chairperson għat-tenders kollha kien is-Sindku Ignatius Farrugia filwaqt li s-segretarju kien is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.<br><br>Inħarġu dawn it-tenders:<br>Ġbir ta' skart bieb bieb – għalqet fil-25 ta' Mejju, 2018<br>Contract's manager (Perit) li tagħalqet fl-10 ta' Lulju<br>Knies fiż-Żurrieq li tagħlaq fit-12 ta' Lulju, 2018<br><br>Kien hemm approvazzjoni fuq l-aġġudikazzjonijiet kollha. |
| | | |
| 41.5.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba għas-siġġijiet u mwejjed fi żmien il-festa tal-Madonna tal-Karmnu:<br>Bronze Bar – talba għal 4 mwejjed u siġġijiet – Is-Sibt biss. Kien hemm qbil |

| | | |
|---|---|---|
| | | minn kulħadd prżenti, minbarra mill-Kunsillier Kenneth Farrugia.<br>Village Core – 10 mwejjed u siġġijiet – Il-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd. Kien hemm qbil li jekk jippreżenta l-liċenzja ta' take away, u jekk jippreżentha jingħata permess għal imwejjed quddiem il-ħanut biss. Fuq il-bankina ma tistax tpoġġi mwejjed.<br>Chocolatte - barra li jrid 12 –il mejda u siġġijiet quddiem l-istabbiliment tiegħu, jrid 10 mwejjed u siġġijiet quddiem ħanut li bħalissa jinsab magħluq (ex Venue). Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-permess jingħata quddiem il-ħanut tiegħu biss.<br><br>Kien hemm qbil li jekk ma jżommux mal-ordnijiet tal-Kunsill, fil-festa li jmiss ma jingħatawx permess.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta fis-19:15. |
| | | |
| 41.5.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn it-talbiet mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM:<br>• Permess biex tittella Lejla Katarinjana f'Misraħ Repubblika<br>• Permess biex tittella ikla u varjeta' f'Misraħ Santa Marija f'Bubaqra<br>• Fiera u Marċ f'Misraħ Santa Marija f'Bubaqra<br>• Permess biex in-nar tal-art jerġa jinħaraq bħal snin preċedenti fi Vjal il-Blue Grotto<br>• Arranġamenti biex ma jiġux armati gabbani fil-post fejn jinħaraq in-nar<br>• Arranġamenti biex ma jiġux armati bejjiegħa tal-monti fil-post fejn jinħaraq in-nar<br>• Permess għal tqegħid ta' container fil-kantuniera Vjal il-Blue Grotto / Triq il-Qrendi – Il-container inkun fih biss ħadid tal-armar.<br><br>Kien hemm qbil li jingħata permess għal dan kollu. |
| | | |
| 41.5.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha laqgħa mal-ERA, Perit minn CRPD u Perit tal-Public Works, fuq il-Belveder tal-Blue Grotto. Hi qalet li kien issuġġeriet li issir rampa kbira fi tliet partijiet minn Triq il-Wied fejn il-bus stop li tagħti għal fuq ix-xagħri tal-belveder. Bħalissa hemm permess PA00015/18 fuq dan il-proġett.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill joġġezzjona minħabba l-estetika tal-ambjent naturali tal-post. |
| | | |
| ***41.6*** | | ***PA1189/18 – Permess ta' bini fejn Garden of Eden (ser ikunu preżenti s-sidin tal-istabbiliment) Jenice Baldacchino u Michele Baldacchino u Maurizio Baldacchino.*** |
| | | |
| 41.6.1 | | Is-Sindku laqa' lil dawk preżenti biex jitkellmu fuq permess PA1189/18 li jikkonsisti f'bini ta'gabbani (bungalows żgħar, minflok is-swali tat-tiġijiet ta' Garden of Eden. Is-Sinjuri preżenti wrew presentation ta' kif hu pproponut li jsir il-proġett turistiku, 14 –il gabbana għal bażi ta' short lets. Diġa saret Villa Munqar fil-viċinanzi fuq dan l-istil. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Dan il-proġett ser ikun inkorporat mad-dħul tal-proġett ta' Wied Babu.<br><br>Waqt diskussjoni Kunsilliera talbu x'ser jigwadanja r-resident żurrieqi b'dan il-proġett. Fejn saru proġetti kbar il-komunita dejjem gwadanjat.<br><br>Kien hemm qbil li l-każ jiġi diskuss f'seduta oħra. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***41.7*** | | ***Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjoni – Servizz ta' Knis*** |
| | | |
| 41.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni għall-knies taż-Żurrieq għal perjodu mis-16 ta' Lulju tas-16 ta' Settembru 2018.<br>Dawn kienu l-offerenti:<br>WM Environment Ltd – 9,000Euro + VAT<br>Kevin Farrugia & Joseph Cassar Agius – 4,000Euro + VAT<br>Il-Kuntrattur l-iehor li intalab jagħti stima, sas-13:00 kien għadu ma ressaqiex.<br><br>Kien hemm qbil li x-xogħol jieħdu l-orħos offerent. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***41.8*** | | ***Tiġdid ta' reduced hours tal-impjegati Charmaine Atanasio u Francesca Camilleri*** |
| | | |
| 41.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-impjegati s-Sinjuri Atanasio u Camilleri skadielhom u jixtiequ jerġgħu jġedduh. Kien hemm qbil li jerġa jsir tiġdied għal sena oħra, ġaladarba l-Kunsill ma jkollux bżonnijiet oħra. |
| | | |
| ***41.9*** | | ***Increament tal-Impjegati Charmaine Atanasio u Francesca Camilleri*** |
| | | |
| 41.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba biex l-impjegati s-Sinjuri Atanasio u Camilleri jieħdu l-increament li jmiss li hu l-aħħar notch tal-iskala. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***41.10*** | | ***Siġar kbar fi Ġnien l-Emigranti Żrieraq*** |
| | | |
| 41.10.1 | | Ressqet talba li ġejja minn familji li jużaw il-bandli ta' Ġnien l-Emigranti Żrieraq – biex jitneħħew is-siġar kbar li hemm viċin il-merry go round u li hemm viċin il-play house, dan minħabba l-ħmieġ tal-għasafar li jkun hemm kemm fuq il-bandli u kemm fuq il-bankijiet li ma jkunux jistgħu jintużaw. Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet mal-ERA u infurmat li jekk tali siġar tħawlu qabel is-sena 1967, tali siġar ma kienux jistgħu jiġu maqlugħa, filwaqt li jekk tħawlu wara kienu jistgħu jiġu mneħħija kompletament u jitħawlu siġar oħra minflokom (li m'hemmx għalfejn jitħawlu fl-istess ġnien.) Minn informazzjoni li inġabret |

| | | |
|---|---|---|
| | | (dok.mehmuż numru 1.) is-siġar tħawlu wara s-sena 1967. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill fuq dan. Dok 1 mehmuż.<br>Kien hemm qbil li tinżabar ħafna, minflok li tinqala kompletament. |
| | | |
| | | |
| ***41.11*** | | ***Bus shelters*** |
| | | |
| 41.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli lokali talbet lill-Kunsilli Lokali biex jindikaw kemm iridu bus shelters ġodda jew manutenzjonijiet ta' dawk eżistenti.<br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li jintalbu bus shelters għal dawn il-postijiet li kien qabel il-Kunsill magħhom f'leġislazzjoni preċedenti u oħra fi Vjal l-Indipendenza fic-central strip ta' fejn hemm il-bus shelter. |
| | | |
| ***41.12*** | | ***Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri*** |
| | | |
| 41.12.1 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li fi Triq il-Karmnu saru ħafna servizzi tal-ilma mingħajr ma għamluh stenciled kif kien qabel. Kien hemm qbil li nibgħatu lill-WSC il-kontijiet tas-servizzi li ser jirranġa l-Kunsill. |
| | | |
| 41.12.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li:<br>• Hemm żewġ konok vojta fejn il-monument tal-ex Ministru Caruana, u siġra biex tinżabar quddiem il-monument tal-Profs P P Saydon fi Ġnien Adrian Borg.<br>• Fi Triq San Pietru hemm barrier biex tinqala għax min talabha miet, imma faċċata tagħha hemm persuna oħra li talbietha. Kien hemm qbil li ssir.<br>• Minħabba l-problema tal-bżieżaq li jittajru qal li hemm bżonn li l-Kunsill jitkellem mal-għaqdiet. Kien hemm qbil li din id-diskussjoni issr wara l-festi tar-raħal.<br>• Fi Triq it-Tunnara hemm bżonn li jsiru parking bays – Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***41.12*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 41.12.1 | | Dan l-item ġie mitkellem f'punti oħra preċedenti. |
| | | |
| | | |
| ***41.13*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 41.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' **€31,687.98** |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsilliera Pierre Farrugia. |
| | | |
| ***41.14*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 41.14.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 8 ta' Awwissu, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum __8____ ta' Awwissu, 2018.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**